## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 230/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**Mark Sciortino**

Seduta tal-31 t'Ottubru, 2022

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Mark Sciortino ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Mejju, 2015 li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 t'April, 2016 billi **tikkonfermaha** fejn sabitu ħati tal-aggravju ta' serq kwalifikat bil-valur u **tvarjha** in kwantu l-piena billi timponi piena aktar ekwa u gusta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-27 t'April, 2016 li biha wara li rat l-artikolu **21 tal-Kap 446** tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 17, 20,

263, 267,271, 278(3), 279 u 280 (2) tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta w ikkunsidrat li t-tieni imputazzjoni hi assorbita fl-ewwel imputazzjoni, filwaqt li t-tielet imputazzjoni ta' riċetazzjoni ngħatat bħala alternattiva għar-reat ta' serq u għalhekk astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, trattat ma' Mark Sciortino għall-ewwel imputazzjoni li dwarha instab ħati fl-24 ta' Frar, 2015 daqs li kieku kien għadu kemm dikjarat ħati u filwaqt li kkonfermat s-sejbien ta' ħtija kif jirriżulta minn dik l-imsemmija sentenza, kkundannatu għal sentejn (2) priġunerija. Inoltre in vista tar-rieda ġdida li stqarr li għandu l-ħati sabiex jirriforma ruħu, l-Qorti tirrikomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex Mark Sciortino jingħata l-għajnuna kollha minnufih biex jegħleb il-vizzju tad-droga inkluż li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell dwar il-piena erogata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali permezz ta' sentenza wara denunzja tal-Ufficcjal tal-Probation kontra l-imputat precedentement misjub hati permezz ta' sentenza anterjuri u wara li l-hati naqas li joqghod ghall-ordnijiet tal-Ufficjal tal-Probation;

2. Illi ghalhekk l-ewwel Qorti, wara li semghet lill-Ufficcjal tal-Probation trattat mal-imputat appellant dwar il-piena daqs li kieku kien ghadu kemm instab hati dakinhar stess. Ghalhekk tajjeb li fl-ewwel lok ikunu riprodotti l-imputazzjonijiet li dwarhom kien instab hati l-imputat wara ammissjoni inkondizzjonata tieghu;

3. Illi s-segwenti huma l-imputazzzjonijiet li dwarhom tressaq l-imputat lura fis-sena 2014:

> Talli nhar is-26 ta' Mejju, 2006 ġewwa Ħal Tarxien bejn 4:00a.m. u 6:00a.m. ikkommetta serq ta' stereo minn ġewwa vettura numru ta' reġistrazzjoni CBC 149 għad-danni ta' Mark Barbara u jew persuni oħra liema serq jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€239.24) u għalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.
>
> U aktar talli fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi ikkommetta ħsara volontarja fuq il-vettura CBC 149 għad-dannu ta' Mark Barbara liema ħsara teċċedi l-Ewro 116.47 (art 325 1B Kap 9).
>
> U aktar talli ġewwa dawn il-gzejjer xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom (Art 334 Kap 9).

4. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra, tajjeb li jsiru s-segwenti konsiderazzjonijiet bil-ghan li jkunu ta' ghajnuna ghal sitwazzjonijiet konsimili fil-futur. Fl-ewwel lok, meta l-imputat

originarjament tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet appena riprodotti fil-paragrafu numru 3, kienet inghatat sentenza fl-24 ta' Frar, 2015 wara li huwa nstab hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Minn dik is-sentenza, izda, tirrizulta irregolarita' konsistenti fin-nuqqas ta' osservazzjoni ta' formalita' essenzjali minn dik il-Qorti fl-istesura tal-istess sentenza meta mhux biss naqset milli tindika b'mod korrett l-artikoli tal-ligi li dwarhom instabet htija talli ccitat artikoli li huma ghall-kollox irrelevanti u li jirravvizaw offizi gravi fuq il-persuna. Dik is-sentenza, izda, ghaddiet in gudikat kwantu l-mertu, jigifieri kwantu sejbien ta' htija u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tinoltra aktar minn hekk;

5. Gara, izda, u fit-tieni lok, illi wara li l-imputat kien denunzjat mill-Ufficcjal tal-Probation u tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati, din tal-ahhar korrettament trattat mieghu b'mod daqs li kieku kien ghadu kemm instab hati dakinhar u dan skond kif jiddisponi l-artikolu 21 (2) tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta, l-Att Dwar il-Probation:

> **Jekk jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-qorti, li min ikun taht *probation* jkun naqas milli jhares xi htiega ta' sanzjoni fil-komunita', dik il-qorti tista' minghajr pregudizzju ghat-tkomplija tas-sanzjoni, twahhal il-hati ammenda ta' mhux izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€22.94), jew tista' titratta ma' min ikun taht *probation*, ghar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-qorti tista' tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat.**

6. Illi minkejja li dik il-Qorti ghaddiet biex teroga l-piena li llum hija mertu tal-appell in disamina, jidher li enoltrat f'qasam li jezorbita l-kompetenza taghha. Issa, ghalkemm dan ma jincidix fuq il-mertu tal-appell, jigifieri dwar il-piena, fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti prattikament iddecidiet il-kaz mill-gdid meta kkonkludiet hekk:

> **Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, rat l-artikoli 17, 20,263, 267, 271, 278(3), 279 u 280(2) tal-Kap.IX ta'l-Ligijiet ta' Malta w ikkunsidrat li t-tieni imputazzjoni hi assorbita fl-ewwel imputazzjoni, filwaqt li t-tielet imputazzjoni ta' ricettazzjoni nghatat bhala alternattiva ghar-reat ta' serq u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, qed titratta ma' Mark Sciortino ghall-ewwel imputazzjoni li dwarha instab hati fl-24 ta' Frar, 2015, daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati u filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta' htija kif jirrizulta min dik l-imsemmija sentenza, tikkundannah ghal sentejn prigunerija.**

7. Il-preokkupazzjoni ta' din il-Qorti hi li l-ewwel Qorti, jigifieri dik li trattat mal-imputat dwar il-piena, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni u ddikjarat it-tieni reat assorbit fl-ewwel wiehed u fl-istess waqt ikkonfermat "is-sejbien ta' htija kif jirrizulta minn dik l-imsemmija sentenza". Dik il-Qorti ma kellha l-ebda setgha tikkonferma jew b'xi mod iehor tvarja s-sentenza tal-Qorti qabilha, liema sentenza kienet ghaddiet in gudikat bhala mertu tant li f'kaz ta' appell, meta imputat ma jappellax mis-sentenza li tkun sabet htija, jista' jappella <u>biss</u> mit-tieni sentenza kwantu l-piena erogata fit-tieni sentenza izda mhux dwar is-sejbien ta' htija. Dan kollu johloq sitwazzjoni indeziderata

ghaliex b'hekk jista' issa hemm zewg sentenzi ta' sejbien ta' htija fuq l-istess mertu u dan kollu ghandu jkun evitat u huwa ghalhekk li din il-Qorti qed taghmel dawn l-osservazzjonijiet;

8. Illi l-kompitu tal-ewwel Qorti li kkominat il-piena wara d-denunzja tal-Ufficcjal tal-Probation huwa li,permezz ta' sentenza, wara li taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti qabilha, teroga dik is-sanzjoni li jidhrilha xierqa okkorrendo deskrizzjoni ta' dak li dwaru instabet htija u c-cirkostanzi mitiganti jew aggravanti skond il-kaz sabiex timmotiva il-piena jekk jidhrilha li ghandha taghmel dan;

9. Ventilat dan, jokkorri issa ezami tal-gravam singolari tal-appellant li fih iressaq diversi ragunijiet ghaliex ma kellux ikun kkundannat ghal sentejn prigunerija billi jargumenta illi: jirriżulta mill-fedina penali li l-appellant l-aktar li kellu kundanni kienu dawk relatati mad-droga; dawn seħħew fil-ħajja tal-appellant madwar għaxar snin qabel; Dak li wassal għall-proċeduri ta' llum kien inċident li seħħ fl-2006; L-appellant baqa' bil-vizzju iżda ma waqax f'xi ċirku ta' kriminalita'; Meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi li hemm mniżżla fis-sentenza tal-24 ta' Frar 2015 il-piena ta' sentejn priġunerija hija eċċessiva; Il-motivi fis-sentenza tas-27 t'April, 2016 kienu n-nuqqasijiet tal-appellant fl-aħħar ġimgħat u mhux l-akkużi orġinali; sentenza ta' priġunerija tista' twassal biex tfixkel il-progress tal-appellant u mhux tgħinu; għandu impieg u huwa missier ta' tifel ta' sentejn li jħobb u jgħin fil-manteniment tiegħu minkejja d-diffikultajiet;

Ikkunsidrat:

10. Illi b'sentenza tal-24 ta' Frar 2015 l-imputat appellant kien illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin u ordnat li jkun sorveljat minn Ufficcjal tal-Probation kif ukoll ordnat li jwettaq ħamsin siegħa servizz fil-komunita' fit-termini tal-Kapitolu 446. Fl-1 ta' Ġunju 2015 l-Ufficcjal tal-Probation, assenjat sabiex jissorvelja lill-imputat, intavola rikors quddiem l-istess Qorti li bih ddenunzja lill-imputat skond l-artikolu 21 tal-Kap 446 ghaliex ma kienx qed izomm mal-ordnijiet tieghu inkluz li naqas milli jieqaf jabbuża mis-sustanzi illeċiti u għaldaqstant kawza ta' liema ma kienx f'pożizzjoni li jibda n-numru ta' sigħat ta' xogħol mogħtija fl-Ordni mogħtija mill-Qorti;

11. Illi minn dakinhar, l-Qorti zammet diversi seduti bit-tama li minn wahda ghall-ohra tinghata informazzjoni pozittiva dwar l-imputat. F'kull seduta l-Ufficcjal tal-Probation ma kellu xejn ghajr ahbar hazina x'jirraporta hlief illi wara hafna u hafna sforzi, l-imputat kien finalment wera t-tama li jibda jirriforma ruhu billi dahal fi programm residenzjali izda dan kien kollu ghal xejn ghaliex llicenzja ruhu wara biss jumejn;

12. Is-Sur Fleri Soler xehed f'ħames okkazzjonijiet wara l-hatra tieghu u kien wera interess kbir fl-appellant sabiex jagħmel progress kemm biex jaqta' l-vizzju tad-droga kif ukoll sabiex ikun jista' jagħmel il-50 siegħa ta' servizz ta' Komunita' stante li minhabba dan il-vizzju ma setghax jiskonta dawn is-sigħat ta' xoghol. Huwa kien beda jaħdem izda kien qed jibża' li jekk jidħol fi programm jitlef l-impieg tieghu. Sar ftehim mat-tabib tad-Detox li l-imputat jagħmel perjodu ta' detossifikazzjoni billi jmur ġewwa Dar l-Impenn;

13. Illi fit-termini tal-artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 l-ewwel Qorti, rinfaccjata b'din id-denunzja, kellha xelta bejn zewg sanzjonijiet, jigifieri bejn dik tal-ammenda u dik li teroga piena ghar-reati li dwarhom kienet instabet htija originarjament u ghazlet it-tieni wahda. Issa dan is-subartikolu huwa differenti mill-artikolu 23(1) tal-istess Kapitolu li jipprovdi li meta persuna tinstab hatja ta' reat waqt il-perjodu operattiv ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-Qorti tista' titratta mal-hati dwar ir-reati li taghhom kienet inghatat sanzjoni komunitarja, bil-kelma "tista'" interpretati mill-Qrati bhala "ghandha". Ir-raguni ghaliex din il-Qorti qed tissenjala d-differenza bejn iz-zewg subartikoli hi li din fiha nnifisha tlissen element qawwi ta' diskrezzjoni li jimplika ezami approfondit tas-sitwazzjoni li biha tkun rinfaccjata l-Qorti. Fil-kaz odjern, l-imputat ma nstab hati ta' ebda reat iehor mhux biss minn meta kien liberat b'kondizzjoni izda sa tlett snin qabel tressaq dwar ir-reati in disamina meta kien ikkundannat fis-sena 2011 ghal-reati ta' natura kontravvenzjonali;

14. Illi tajjeb li jkun osservat ukoll illi l-ewwel Qorti ddedikat hafna hin b'differimenti sabiex tisma' lill-Ufficcjal tal-Probation dwar il-progress o meno tal-imputat denunzjat li meta fegg ragg ta' dawl fid-direzzjoni tieghu ghazel jimmolla fl-ahhar mumenti mhux bil-kommissjoni ta' reati godda izda bir-rifjut tieghu li jintrabat f'istituzzjoni ta' riabilitazzjoni;

15. Illi minn dan jemergi illi l-imputat ghandu bzonn ta' aktar ghajnuna u f'dan il-kaz it-trapass ta' zmien hadem favur tieghu la darba, kif jidher, zamm 'l hinn mill-kriminalita' ghajr naturalment ghar-rifjut tieghu li jiehu l-ghajnuna. Illi jekk il-

Qorti tista' tohrog element komuni mill-ilmenti tal-imputat appellant huwa li l-imputat jimmerita li jinghata opportunita' ohra sabiex jgharaf jirriforma ruhu u l-Qorti taqbel ma' din il-fehma tenut ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, u dan minghjar ma tiddikjara qbil mar-ragunamenti kollha ntentati mill-appellant;

16. Illi ghalhekk hi tal-fehma li ghalkemm l-ewwel Qorti kienet fil-pjena poter li titratta mal-imputat kif fil-fatt trattat, il-kaz huwa tali li jimmerita ftit aktar stennija qabel tiddahhal fis-sehh il-gradwatorja tal-pieni ghal persuna li ma tkunx trid taderixxi mal-opportunitajiet miftuha lilha mill-istituzzjonijiet inkluza l-Qorti;

17. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi tibdilha f'dik il-parti li biha kkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ghal zmien sentejn u minflok tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' erbatax-il xahar liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-hati jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sena mil-llum fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Ghal kull buon fini l-piena hija kalibrata fuq l-artikolu 278(3) tal-Kodici Kriminali li jiddisponi piena ta' prigunerija minn hames xhur sa tliet snin mizjuda bi grad u li ma tinghatax fil-minimu taghha li allura tissarraf f'minimu ta' terz mid-differenza bejn 48 xahar u 7 xhur li huwa ta' erbatax il-xahar.

18. Il-Qorti ghaddiet biex tfisser fi kliem car lill-hati l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

Giovanni Grixti

Imħallef